SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-kontinwazzjoni tat-tielet laqgħa tas-Seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar il-Ħamis 4 ta' Ġunju, 2015 fit-3.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| ***Sindku:*** | Is-Sur Noel Formosa |
| ***Viċi-Sindku:*** | Is-Sur Anthony Formosa |
| ***Kunsilliera:*** | Is-Sur Franco Buhagiar |
| | Is-Sinjorina Carmela Grima |
| | Is-Sur Joseph Michael Cauchi |

***Aġent Segretarju Eżekuttiv:*** Is-Sinjura Josephine Sultana

L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Renee Formosa kienet skużata.

## 1.0 Talba

Il-laqgħa ġiet immexxija mis-Sindku, is-Sur Noel Formosa u nbdiet b'talba.

Il-Kunsillier, is-Sur Franco Buhagiar irringrazzja lil kull min kien preżenti tad-disponibbilita' peress li minħabba li kellu mpenji oħra, il-ġurnata tal-laqgħa nbiddlet u saret illum il-Ħamis flok il-bieraħ l-Erbgħa kif kien miftiehem.

## 3.0 Korrispondenza

3.1 Ittra mingħand is-Sur Brian Sultana, l-koordinatur tas-*Summer Fun Club,* fejn għarraf lill-Kunsill li għas-seba' sena konsekuttiva qed jiġi organizzat dan il-klabb li huwa miftuħ għall-adoloxxenti matul il-jiem tas-Sajf. Huwa talab sabiex il-Kunsill jgħin fl-organizzazzjoni ta' dan il-Klabb. Il-Kunsill qabel li jikkollabora s-somma ta' €300 bħala parti mill-ispejjeż tal-attivitajiet li jiġu organizzati f'dan il-klabb.

3.2 *E-mail* mingħand is-Sur Joe Muscat tal-GTA fejn talab sabiex fid-Dwejra jsiru *parking spaces* riservati għad-*divers*. Huwa ġab eżempju simili li sar riċenti fiċ-Ċirkewwa. Ġie deċiż li fil-pjazza tad-Dwejra jkun hemm żewġ *parking spaces* riservati għad-*divers*. Pero' intqal li fil-Qawra għandhom jinżlu jħottu l-apparat li għandhom bżonn u wara jitilgħu jipparkjaw il-vettura fil-pjazza għax fil-Qawra jekk issir ipparkjar ta' vetturi jkun ta' ostaklu.

3.3 *E-mail* mingħand is-Sinjorina Lorraine Callus fejn għarrfet lill-Kunsill li ġiet imnedija kampanja sabiex jiġi kkunsmat aktar ħut. Għal dan il-għan qed iduru fl-irħula u jagħmlu lezzjonijiet ta' kif wieħed jista' isajjar il-ħut. Fil-lokalita' ta' San Lawrenz din il-lezzjoni ser issir nhar l-Erbgħa 10 ta' Ġunju, 2015 fl-10.00 am fis-sala ta' l-iskola Primarja. Fil-fuljett ta' informazzjoni li ħareġ għar-residenti sar avviż bl-informazzjoni għal din il-lezzjoni.

3.4 Lista ta' applikazzjonijiet ġodda għall-permess ta' żvilupp li ntbagħtet mill-MEPA għall-informazzjoni tal-Kunsill.

3.5 Ittra mingħand is-Sur Joseph Pisani fi ħdan il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima fejn għarrafna li skont ir-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali għandha l-obbligu li tippublika fuq l-*internet* tagħrif dwar il-pagamenti kollha li tkun għamlet minn skemi ta' Fondi tal-EU. Peress li l-Kunsill Lokali San Lawrenz ibbenefika ser jiġu ppubblikati d-dettalji tal-Kunsill fuq sit elettroniku.

3.6 *E-mail* mingħand is-Sur Franco Pace mill-Kumpanija Go fejn infurmana li l-*payphone* li hemm fil-bajja tad-Dwejra ser jitneħħa peress li m'għadux ta' aktar użu.

3.7 Ittra mill-*Malta Competition and Consumer Affairs Authority* fejn qed jagħmlu enfasi li kemm jista' jkun f'postijiet pubbliċi ma jsirx użu ta' pestiċidi u jekk ikun il-bżonn dan għandu jkun minimu kemm jista' jkun minħabba s-saħħa tal-bniedem.

3.8 *E-mail* mingħand is-Sinjura Cora Vella Laurenti mill-Ministeru tat-Turiżmu fejn infurmatna li dan il-Ministeru flimkien mal-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu qed iniedu premju hekk imsejjaħ EDEN Award bit-tema *Tourism and Local Gastronomy* u hu mmirat għal dawk il-Kunsilli li organizzaw jew tellgħu attivita' bbażata fuq ikel Malti u kienet ta' attrazzjoni għat-turisti. Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa ssuġġerixxa li naraw jekk nistgħux napplikaw f'isem il-Folk Group peress li kien organizza lejla simili. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment.

3.9 *E-mail* mingħand is-Sur Stephen Saliba mill-MEPA fejn għarraf lill-Kunsill li l-MEPA bħalissa qed tieħu sehem f'proġett tal-Unjoni Ewropea li jirrigwarda żoni marittimi protetti. Waħda minn dawn iż-żoni indikati huwa l-baħar tad-Dwejra u għal dan il-għan il-MEPA qed titlob permess sabiex twaħħal tabella b'informazzjoni. Il-Kunsill qabel li din it-tabella titwaħħal fejn tabella oħra simili eżistenti b'informazzjoni dwar il-Ġebla tal-Ġeneral.

Intqal li hemm partijiet fl-inħawi tad-Dwejra li ma' tistax titfa' nassi tal-ħadid u li ma' tistax tuża xbieki tat-tkarkir u anke' pariti. Intqal li din ir-regola mhix tiġi nfurzata b'konsegwenza li qed jinqered ħafna ħut u sajjied dilettanti li ħareġ b'dgħajsa żgħira bħala passatemp mhux qed isib għalxiex jistad. Ġie deċiż li niġbdu l-attenzjoni tal-awtorita' kompetenti sabiex tagħmel infurzar f'dan ir-rigward.

3.10 *E-mail* mingħand is-Sur Joe Louis Sciberras dwar logħob li qed jiġi organizzat fl-irħula bl-għajnuna tal-Kunsilli Lokali. Huwa qed jissuġġerixxi li dan il-logħob isir fil-ġimgħa lawrenzjana li ssir qrib il-festa tar-raħal. Imbagħad it-timijiet rebbieħa jieħdu sehem f'finali li tiġi organizzata f'Marsalforn. Ġie deċiż li peress li l-Kunsill ta' San Lawrenz matul din is-sena huwa mpenjat bl-attivitajiet konnessi mal-10 anniversarju tal-ġemellaġġ u l-programm huwa diġa ppreparat, ma jieħux sehem f'dan il-logħob.

SAN LAWRENZ

3.11 Ċirkulari mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali dwar proċeduri tat-*tenders*.

3.12 *E-mail* mingħand is-Sur Jim Wightman fejn qed jagħmel *survey* li jirrigwarda rotot għaċ-ċiklisti fil-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex. Il-Kunsill qabel li ma jieħux sehem f'dan is-*survey*.

3.13 *E-mail* mingħand is-Sinjura Isabella Camilleri Aquilina mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li sal-lum il-Kunsill Lokali San Lawrenz għadu m'għamilx l-arranġamenti meħtieġa sabiex il-laqgħa tkun *streamed live* fuq l-*internet*. Intqal li kienet ħarġet kwotazzjoni sabiex jiġi nstallat dak kollu meħtieġ sabiex dan ikun jista' jseħħ pero' din l-offerta ma ngħatat lil ħadd. Se niċċekkjaw eżatt mal-*Assistant Principal*, is-Sinjura Carmen Micallef x'kien sar eżatt u ser niċċekkjaw ukoll mal-istess Dipartiment jekk l-offerta għadhiex valida ħalli fil-każ inkunu nistgħu nipproċedu.

**5.0 Restawr u manutenzjoni tad-diversi mfakar li għandna fir-raħal**

5.1 Is-Sindku nnota li għandna bżonn li nduru d-diversi monumenti u mfieker li hawn fir-raħal. Issemma l-mafkar li hemm fejn il-Playing Field ta' Dun Ġużepp Cauchi. Hemm bżonn li jinżabru s-siġar u jitnaddaf il-monument. Dan ix-xogħol se jsir.

Monument ieħor li ssemma kien dak ta' San Lawrenz li hemm fi Triq San Lawrenz. Is-Sindku s-Sur Noel Formosa qal li peress li t-triq tbaxxiet, il-monument issa ġie aktar elevat 'il fuq. Is-Sur Formosa ssuġġerixxa li peress li San Lawrenz hemm konnessjoni ta' baħar bid-Dwejra, isir tip ta' mewġ isfel biex jinħbew dawk iż-żewġ filati ta' konkos li hemm. Wara diskussjoni ġie deċiż li jiġi kkuntattjat l-artist li għamel id-disinn ta' dan il-monument, ngħaddulu dawn l-ideat u naraw hu x'joħroġ minnhom sabiex dan il-monument jingħata dehra aħjar. Ġie ssuġġerit ukoll li jitranġa l-ħajt tal-għelieqi li jibda minn fejn dan il-monument sa fejn joqgħod Simon Enriquez biex id-daħla tar-raħal tkompli tingħata dehra isbaħ. Intqal li jekk is-sidien ta' dawn l-għelieqi ma jsibu ebda oġġezzjoni dan il-ħajt jitranġa u jekk joġġezzjonaw, ix-xogħol ma jsirx.

Issemma' monument ieħor li hemm fi Triq ir-Rokon. Ġie ssuġġerit li dan il-monument jinqala', jsiru żewġ filati biex il-monument ikun jista' jitla' 'l fuq u imbagħad isiru ħafna fjuri (*poppies)* tal-metal biex jgħattu dawn iż-żewġ filati ta' kantuni li se jiżdiedu. Issemmew żewġ monumenti oħra li għandhom bżonn li jitranġaw – dak ta' Dun Salv Portelli u l-ieħor ta' Nicholas Monserrat. Wara diskussjoni ġie deċiż li nkellmu lill-Perit Shawn Micallef sabiex iħejji d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex tinħareġ kwotazzjoni għal dawn ix-xogħlijiet kollha li hemm bżonn biex jitranġaw dawn il-monumenti żgħar li hawn madwar ir-raħal.

Waqt din id-diskussjoni ssemmiet ukoll l-importanza li l-aħħar parti ta' Triq il-Wileġ tingħata t-tieni kisja. Reġgħet issemmiet ukoll it-tieni kisja ta' Triq San Lawrenz u intqal li ntalab appuntament mal-Ministru t'Għawdex u għad

SAN LAWRENZ

m'għandniex riposta. Se nsegwu t-talba li saret sabiex issir laqgħa mal-Onorevoli Ministru għal Għawdex.

**6.0 Talba mal-Ministeru konċernat sabiex nerġgħu nagħtu spinta lil *issue* tal-*Housing* f'San Lawrenz**

6.1 Is-Sindku qal li huwa importanti ħafna li tittieħed azzjoni dwar il-kwistjoni tal-*housing* f'San Lawrenz. San Lawrenz huwa lokalita' b'popolazzjoni żgħira u tajjeb li jekk nistgħu nkabbru l-popolazzjoni anke' billi nagħtu spinta lil din l-*issue*. Huwa kompla li l-Kunsill minn dejjem issuġġerixxa biex fil-Pjan Lokali tikber iż-żona ta' żvilupp b'mod sostenibbli. Kienet ukoll intalbet estensjoni fuq art tal-gvern. L-aħħar talba li saret kien sabiex tiżdied il-parti int u nieżel id-Dwejra fiż-żona ta' żvilupp, minn l-inħawi msejħa ta' Turner sal-ewwel post li huwa ta' Saviour Tabone. Din il-parti kienet daħlet fid-*development zone* u għalhekk Kunsill preċedenti kien talab idea ta' Perit ta' kif wieħed jista' jiżviluppa dawk l-inħawi. Kienet ħarġet proposta ta' 5 blokok li jkollhom bejniethom 70 appartament. Fil-pjanta hemm imfasslin ukoll ħwienet u żoni ta' rikreazzjoni sabiex anke' jiżdied il-kummerċ. Intqal li proġett bħal dan irid isir bejn il-Gvern u l-privat.

Wara diskussjoni mill-membri preżenti ġie deċiż li niktbu ittra lill-Ministru konċernat, ngħidulu l-ħsieb tal-Kunsill x'inhu, ngħarrfuh li l-Kunsill diġa għandu proposta mħejjija u nitolbu laqgħa miegħu sabiex din il-proposta tkun tista' tiġi diskussa. Ġie deċiż ukoll li għal din il-laqgħa nistiednu lill-Perit li kien ħejja din il-proposta sabiex ikun preżenti meta ssir il-laqgħa mal-Ministru.

Suġġeriment ieħor mis-Sindku dwar dan is-suġġett kien li għandha tiġi organizzata laqgħa għaż-żgħażagħ tal-lokal mill-ambaxxatriċi taż-żgħażagħ is-Sinjorina Renee Formosa sabiex il-Kunsill jieħu l-*feedback* tagħhom għax wara kollox dawn huma l-futur tar-raħal ta' San Lawrenz.

**7.0 Ħtieġa ta' Double Yellow Line fi Triq Ċangura u postijiet oħra**

7.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li fi Triq Ċangura k/ma Triq il-Wileġ u l-Pjazza qed jipparkjaw fil-kantuniera eżatt b'konsegwenza li qed ikun hemm ostaklu għat-traffiku. Huwa ssuġġerixxa li *double yellow* eżistenti jitwal ftit aktar metri.

Intqal ukoll li fi Triq San Lawrenz hemm bżonn li jinżebħu d-*double yellow lines* li kien hemm qabel ma saret it-triq avolja għadha ma ngħatatx it-tieni kisja ta' tarmak f'din it-triq. Dan sabiex ikun hemm aktar sigurta' f'din it-triq. Imbagħad wara li jingħata t-tarmak li għad fadal isir, jerġgħu jinżebħu s-sinjali.

Sinjali oħra li ssemmew kienu dawk tal-kantuniera ta' fejn iċ-Ċentru fil-Pjazza k/ma Triq id-Duluri. Ġie deċiż li niktbu lil Transport Malta fejn ngħaddulhom dawn it-talbiet għal dawn is-sinjali.

SAN LAWRENZ

## 8.0 Talba lil MCA biex isir monitoring tal-Antennas preżenti fir-raħal

8.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li fil-passat twaħħlu ħafna *antennas* madwar ir-raħal u li tajjeb li jkun hemm *monitoring* tagħhom għax jekk tiżdied il-frekwenza tista' tkun ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem. Intqal li f'Jannar li għadda kienet inġabret petizzjoni mir-residenti, u tressqet quddiem il-Kunsill u entitajiet oħrajn, peress li għandhom l-istess tħassib dwar il-ħsara li jistgħu jagħmlu dawn l-antenni lil saħħithom. Għalhekk ġie deċiż li ssir talba lill-MCA sabiex terġa' tagħmel dan il-*monitoring* biex inkunu żguri li kemm il-frekwenza kif ukoll il-kumplament ta' dawn l-*antennas* qegħdin skond kif tippermetti l-liġi.

## 9.0 Manutenzjoni ġenerali urġenti tal-*Playing Field* u l-*belvedere* Colle Umberto

9.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa qal li hemm xogħlijiet f'dan il-*playing field* li għandhom isiru urġenti kemm jista' jkun, fosthom il-ħadid tal-*belvedere*. Huwa qal li dan għandu jinqala', għax kif inhu huwa perikolż, u jsir xi ħaġa oħra floku anke' ftit strixxi ta' l-injam kemm jiġi evitat kull periklu. Is-sitwazzjoni finanazjarja tal-Kunsill ma tippermittix li bħalissa dan il-ħadid isir ġdid. Ġie ssuġġerit li nagħmlu talba lil *Maintenance Unit* fi ħdan il-*Housing Authority* sabiex jagħmel din il-manutenzjoni. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan is-suġġeriment.

## 10.0 Xogħlijiet pendenti fil-Pjazza

10.1 Din il-materja ġiet diskussa fl-ewwel parti ta' din il-laqgħa, li saret nhar it-Tnejn li għadda, imma peress li kien hemm xi żviluppi reġgħet issemmiet. Is-Sindku qal li huwa tkellem mas-Sur Joe Grima dwar il-materjal li se juża fit-*tunnel* li hemm taħt il-pjazza biex ikun jista' jsir il-*main* tad-dawl ġo fih. Huwa qal li s-Sur Grima qallu li kif se jsir ix-xogħol, il-materjal l-irħis huwa materjal tajjeb u diffiċli li jidħol l-ilma pero' ma jagħtix garanzija bħalma jista' jagħti fuq l-istima l-oħra. Għalhekk il-Kunsill iddeċieda li bħala stima ta' xogħol li jrid isir f'din il-kamra, tintgħażel l-irħas waħda għax biha xorta hemm ċerta sigurta' li ma' jidħolx ilma. Ix-xogħol se jkun jinkludi li jsir kisi tal-ħajt u tal-art bil-*membrane* u wara l-ħajt isir bil-madum, jiġi nstallat tank biex ilma li jista' jidħol jaqa' ġo fih (bħas-sistema tax-*shower*). Meta jimtela' t-tank l-ilma jkun jista' jiġi ppumpjat 'il fuq permezz ta' pompa. Il-Kunsill se jieħu ħsieb li jixtri l-materjal bħal *membrane*, madum u pompa peress li dawn ma kienux inklużi fl-istima.

Intqal li hemm bżonn ta' madwar 6 bollards oħra fil-pjazza. Dawn ser jiġu ordnati biex ikunu jistgħu jitwaħħlu.

Is-Sur Noel Formosa qal li kellu xi lmenti dwar ipparkjar ħażin fil-pjazza. Qed issir ipparkjar ta' karozzi barra mill-kaxxi u qed ikun ta' ostaklu għat-traffiku ġenerali. Ġie deċiż li nitolbu lill-Pulizija sabiex isir aktar infurzar biex jiġi rregolat dan l-ipparkjar fil-pjazza prinċipali.

SAN LAWRENZ

## 12.0 Materji Oħra

12.1 Is-Sindku, is-Sur Noel Formosa, informa lill-membri preżenti li hemm laqgħa mal-Onorevoli Stefan Buontempo bit-tema 'Il-Gvern li Jisma''. Minħabba mpenji oħra s-Sindku ma jistax jattendi għal din il-laqgħa. Huwa stieden lill-membri preżenti biex min irid jista' jattendi għal din il-laqgħa.

12.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa kiteb lid-Direttur tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex biex isir wiċċ tal-injam fuq il-moll tad-Dwejra biex ma jittrabbhiex ħass. Dan wara li kellu proposta minn diversi persuni. Intqal li bil-wiċċ tal-injam xorta jitrabba' l-ħass wara ċertu żmien. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li dan il-wiċċ aħjar ma jsir xejn.

12.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-*toilets* fil-Qawra se jerġgħu jsiru minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex.

12.4 Il-Viċi-Sindku, is-Sur Anthony Formosa, ġibed l-attenzjoni dwar xi konkos li kien sar fil-Qawra biex iservi bħala moll. Huwa qal li tqaċċtet parti minnu u sar perikoluż ħafna. Intqal li dan ix-xogħol ma kienx sar mill-Kunsill. Għalhekk ġie deċiż li tinkiteb ittra lis-Sur Mark Formosa, Direttur fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jitneħħa dan il-periklu issa li qed joqrob sewwa s-Sajf.

12.5 Il-Kunsilliera, is-Sinjorina Carmela Grima tat rendikont tal-laqgħa li attendiet dwar il-proġett ERASMUS tal-Unjoni Ewropeja. F'din il-laqgħa ngħatat informazzjoni dwar proġett ta' volontarjat li ser isir u li l-applikazzjoni għalih ser tagħlaq fit-30 ta' Lulju, 2015. Hija qalet li ser issir laqgħa oħra fejn fiha tingħata aktar informazzjoni biex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu japplikaw. Il-Kunsill ser jiġi mgħarraf bid-data fil-futur qarib.

12.6 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kien hemm talba mingħand is-Sur Paul Caruana sabiex issir tabella fil-pjazza tad-Dwejra li turi għall-*Inland Sea.* Il-Kunsill qabel li din it-tabella għandha ssir u ser issir oħra biex turi għaċ-Ċentru ta' Informazzjoni amministrat mill-Kunsill.

## 13.0 Approvazzjoni ta' pagamenti

13.1 Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi ma' dawn il-minuti. Il-Pagament ma ġewx moqrija waqt il-laqgħa peress li kienu mqassma minn qabel lill-Kunsilliera permezz tal-*e-mail.*

SAN LAWRENZ

## 14.0 Għeluq u data għal-laqgħa oħra

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' fil-għaxija. Id-data ta' laqgħa oħra se tiġi kkomunikata aktar 'il quddiem.

***Noel Formosa***
***Sindku***

***Josephine Sultana***
***Aġent Segretarju Eżekuttiv***